TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 137/17-F

**Melvin u Josephine Depasquale**

**vs**

**PoltroneSofa**

Illum 25 ta' Jannar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 t'Awwissu, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' elfejn, tlett mija u erbatax-il ewro (€2,314), rappreżentanti l-prezz ta' sufan.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw sufan għall-prezz ta' elfejn, tlett mija u erbatax-il ewro (€2,314), mingħand is-soċjeta' ntimata, illi kien immarkat bis-sale diġa' u nstabu diversi nuqqasijiet u wkoll li kien hemm diversi ineżattezzi minn dak li ordnaw, fosthom li kellu jkun hemm extension u ma sarx u l-cushion kellhom ikunu bil-feathers u dan ma kikienx hekk u li s-sufan kien skomdu ħafna.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u kif ukoll ma ssottomettiex risposta bil-miktub għal din it-Talba, u allura mhux qed jikkontesta t-Talba tar-rikorrenti, fejn qed jirriżulta li ma wera l-ebda oġġezzjoni.

It-Tribunal, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn, tlett mija u erbatax-il ewro ewro (€2,314), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi s-sufan jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**